



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 101/23

il-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-499/21 P | Silver *et vs* Il-Kunsill, C-501/21 P | Shindler *et vs* Il-Kunsill, u C-502/21 P | Price *vs* Il-Kunsill

Ċaħda definittiva ta' appelli minn ċittadini Brittaniċi li kkontestaw it-telf tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini Ewropej bħala riżultat tal-Brexit

It-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea, u, konsegwentement, dak tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus, huwa konsegwenza awtomatika tad-deċiżjoni meħuda unikament mir-Renju Unit b'mod sovrani li jirtira mill-Unjoni, mhux tal-ftehim ta' rtirar, jew tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova dan il-ftehim

Fir-referendum tar-Renju Unit li sar fl-2016, il-maġġoranza tal-votanti għażlu l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Bħala riżultat, ir-Renju Unit ikkomunika lill-Kunsill Ewropew l-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea. Ir-rappreżentanti tar-Renju Unit u tal-Unjoni mbagħad iffirmaw il-ftehim dwar il-Brexit fl-24 ta' Jannar 2020¹. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea approva dan il-ftehim, f'isem l-Unjoni, b'deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2020². Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni fil-31 ta' Jannar 2020.

Fi tliet azzjonijiet separati quddiem il-Qorti Ġenerali, ċittadini Brittaniċi residenti fir-Renju Unit u f'diversi Stati Membri kkontestaw mingħajr suċċess il-ftehim Brexit u d-deċiżjoni tal-Kunsill, billi argumentaw, inter alia, li dawn kellhom l-effett li jċaħħduhom mid-drittijiet li kienu eżerċitaw u kisbu bħala ċittadini tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, b'digriet³, ir-rikorsi tagħhom bħala inammissibbli.

Permezz tat-tliet sentenzi mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċad l-appelli ppreżentati miċ-ċittadini Brittaniċi inkwistjoni kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina ex officio jekk dawn iċ-ċittadini Brittaniċi għandhomx interess ġuridiku. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-deċiżjoni ta' rtirar hija bbażata biss fuq ir-rieda tal-Istat Membru kkonċernat, skont ir-regoli kostituzzjonali tiegħu, u għalhekk id-deċiżjoni tiddependi unikament mill-għażla sovrana tiegħu. Għalhekk, għaċ-ċittadini Brittaniċi, **it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, u, konsegwentement, dak tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus, huwa konsegwenza awtomatika tad-deċiżjoni unikament meħuda b'mod sovrani mir-Renju Unit li jirtira mill-Unjoni, mhux tal-ftehim ta' rtirar jew tad-deċiżjoni tal-Kunsill**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li iċ-ċittadini Brittaniċi ma għandhom l-ebda interess ġuridiku u li għalhekk il-Qorti Ġenerali kellha raġun tiċċad ir-rikorsi tagħhom bħala inammissibbli.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet

¹ Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija (ĠU 2020, L 29, p. 7).

² Deċiżjoni (UE) 2020/135 (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1).

³ Digriet tat-8 ta' Ġunju 2021, Shindler *et vs* Il-Kunsill, [T-198/20](#), Price *vs* Il-Kunsill, [T-231/20](#) u Silver *et vs* Il-Kunsill, [T-252/20](#).

tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenzi ([C-499/21 P](#), [C-501/21 P](#) u [C-502/21 P](#)) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenzi huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

